



# Festa tal-Madonna tad-Duttrina - il-Ħadd 31 ta' Mejju 1874

Mag. Joe Cassar



Il-Kappillan Dott. Don Paolo Lauron (1864-1875), mal-wasla tiegħu f'Ħal Tarxien beda jaħdem biex ixerred aħjar it-tagħlim nisrani fost il-poplu. Hu fehem li kien meħtieġ li l-Kongregazzjoni tad-Duttrina, li kienet twaqqfet fil-1748 meta kienet ħarġet bolla mill-Papa Pawlu V, għandha tiġġedded u tingħata ħajja ġdida bħala Fratellanza waqt li tinfirex aktar fost il-poplu. Beda l-ħidma tiegħu billi għamel opri fil-knisja. Fil-5 ta' Ġunju 1866 għamel bandalora għand il-ħajjat Saverju Ellul. Fuqha Salvatore Barbara pinġa lill-Madonna bil-Bambin li tqiegħdet ġewwa kaxxa tal-ħġieġ. Il-gandlieri fil-knisja kienu ftit u l-ftit kienu qed jiqdiemu. L-arġentier Pawlu Grima kesa sitt gandlieri bil-fidda. Ġużeppi Zammit ħadem erbgħa ġodda tal-ħadid. Il-kappillan sab l-għajnuna tal-Kanonku Penitenzier Don Giuseppe Charbon, kif f'affarijiet oħra kien isib l-għajnuna ta' Maestro Antonio Cachia li kien fratell tad-Duttrina.

Il-ftira sħuna tajba. Grima għamel ukoll xogħol fil-ventaltar. Drapp tal-ħarir, suf, fjokki, bizzilla lewn id-deheb u kutnina inkisbu mid-ditta G & C Busuttil ta' 276 Triq San Pawl il-Belt, li kienu jimpurtaw mill-Ingilterra, l-Italja u Franza, kollox bil-prezz ta' żewġ liri, tnax-il xelin u disa' soldi. Emanuele Faure, mastrudaxxa tas-sengħa u mqabbad sewwa għamel żewġ rixtelli biex jinżammu, "nell'appartamento contiguo alla Chiesa", is-siġġijiet li kien jixtri l-kappillan. Hu, u l-familja kienu kollha fratelli. Ħadem twavel, pedestall, kaxxa għall-midalji tal-fratelli, bankijiet, ċappetti, grampuni, serraturi, ċwievet, stanga .....kif ukoll kaxxa tal-kewba li fiha tpoġġiet statwa ġewwa l-ħġieġ li ttellgħet bil-polza fil-knisja ta' San Bert fost it-tfajliet tad-Duttrina. Ħames snin qabel kienet ittellgħet 'statuetta con globo' fost in-nisa. Ta' sikwiet il-kappillan kien jixtri kopji tal-kotba 'Catachesimo Maltese' u 'l-Alunno Proveduto' biex iqassamhom fost min kien jaqra xi ftit bit-Taljan.

Kien xieraq li tinħadem statwa ta' San Luigi Gonzaga li l-poplu kellu devozzjoni għalih. Għamel ix-xogħol tal-kartapesta Carlo Darmanin bil-prezz ta' seba' sterlini. Inqala x'inkwiet u barra l-prezz il-kappillan kellu jħallas seba' xelini bħala 'spese giudiziarie'. Faure għamel il-bradella. Pawlu Grima għamel it-tiżjin. Saret ukoll girlanda. Materjal għall-kurduni beda jinxtara minn għand il-'Fratelli Decelis' ta' 108 Tria San Ġwann il-Belt. Inxtraw santi minn għand Ramiro Barbara 'Direttore Proprietario' tal-'Corriere Mercantile Maltese' kif ukoll mitejn 'formole per la congregazione (carta stampata)' bil prezz ta' sitt xelini u tliet soldi.

Nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju 1874, il-Kappillan qaddes Quddiesa kantata fil-Knisja Parrokkjali fil-festa tal-Verġni Mqaddsa tad-Duttrina. Talab għall-fratelli mejtin fosthom Francesco Parnis li kien miet xahrejn u nofs qabel. Il-fidili setgħu joqogħdu bilqiegħda fuq siġġijiet. Weraq tal-ħarrub kien ixxerred fuq il-paviment tal-knisja. Il-vespri bil-mużika sar minn Roberto Decesare mill-Isla li swew 42 skud. Kien sar tridu kif ukoll paniġierku bit-Taljan. Billi min ippriedka ma ried xejn tal-ħidma tiegħu ma saret ebda riċevuta. Fil-bidu tal-quddiesa il-kappillan fiehem bil-Malti li l-'Vicario Generale e Luogotenente della Diocesi' Monsinjur Carmelo Konti Scicluna kien ħareġ digriet bid-data ta' dak il-jum fejn ta l-kunsens tiegħu għat-tiġdid tal-Fratellanza. F'dawk il-jiem l-Isqof Gaetano Pace Forno ma kienx Malta. Il-kappillan issokta jgħid li kien jonqos li jsir statut għall-fratellanza u wera x-xewqa li aktar rġiel u nisa jingħaqdu fil-fratellanza. Sogħbien stqarr li Pietro Gagliardi pittur f'Ruma ma kienx għadu lesta il-kwadru tal-Verġni Marija tad-Duttrina minkejja l-ħidma tal-Kanonku Salvatore Souchet.



*L-irċevuta tal-inkwatru tal-Madonna tad-Duttrina*

Fuq quddiem nett libsin ta' fratelli kien hemm Antonio Cachia, Francesco Penza, Michele Calleja, Ignazio Bonavia, Lorenzo Balzan, l-aħwa Faure u missierhom Filiberto li ġieli ma ħadux flus ta' xogħolhom. Waqt il-quddiesa n-nisa qagħdu fil-ġenb u ma tħalltux mal-rġiel, fosthom Rosina Faure, Emanuele Castaldi, Marianna Xerri u oħt il-kappillan Antonia Lauron. Quddiem nett "Maria Falzon vedova di Saverio nata Di felice" u "signora Giuseppa Gafan del du Antonio e Rosa Schembri della Valletta" Wara l-quddiesa daqqet il-banda u l-bandisti ngħataw tazza kafè. Fil-għaxija sar in-nar.

*Arkivji Parrokkjali: Ricevute Frat (ellanza) Dottrina; Libro Introito e Esito: Cong (regazione) della Dottrina; Conf (raternita') Dottrina*